# Katina Karmelitana

Nru. 20 Terzjarji Karmelitani Żurrieq Mejju – Awwissu 2013

## OASI

Mingħajr ikel tgħix xi żmien imma mingħajr ilma il-ġisem ma jgħixx għax parti kbira minnu hi magħmula mill-ilma. Dejjem iħeġġiġna biex nixorbu.

Hekk ukoll fil-ħajja spiritwali tagħna. Ma tistax tgħix il-fidi tiegħek mingħajr il-kelma t'Alla. Tħoss fik dak il-vojt li ma tkunx taf kif se timlieh. Bħal bniedem li jinqabad fid-deżert mingħajr ilma. Iħossu mitluf sakemm jilmaħ l-oasi li ttik it-tama li ser issib ix-xorb li tant ikollu bżonn.

L-oasi fil-ħajja tagħna huwa Kristu, li jekk nimxu fuq il-kelma tiegħu jimla dak il-vojt li jkollna fil-ħajja tagħna. Ma Kristu hemm Marija Santissima li kienet strumentali biex Kristu ġie fostna. Kienet Marija li niżżlet lil Iben t'Alla mis-sema biex isir bniedem bħalna. Niżżlet magħha sellum biex aħna permezz ta' Kristu nkunu nistgħu nsibu t-triq tagħna fis-sema. Aħna wisq għal qalb il-Madonna biex tħallina nintilfu u ma ngawdux dak li hemm imħejji għalina fis-sema. Marija li fil-ġuf safi tagħha ġarret lill-Iben t'Alla. Il-ġuf tagħha huwa bħal ġnien mimli fwieħa, mingħajr l-ebda żerriegħa ħażina fih. Il-Karmelu huwa ġnien kollu fjuri, allura mhux ta' b'xejn li għandna nkunu ferħanin li aħna parti mill-Karmelu, iżda hemm bżonn li dan il-kult ngħixuh fil-ħajja tagħna ta' kuljum.



Irridu nixbħu lil Marija fil-virtujiet sbieħ tagħha; is-safa, l-ubbidjenza, perseveranza u tama u tant doni sbieħ li bihom kienet imżejna Ommna Marija. Ma





naqtgħux qalbna. Marija qiegħda hemm għalina, biex tgħinna fil-mixja tal-ħajja tagħna. Fuq kollox tatna l-Labtu Mqaddes biex torbotna ma qalbha u ma nintilfux. Ejjew mela fix-xhur li ġejjin nattendu għall-funzjonijiet Marjani li jwassluna għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa liturġika fis-16 ta' Lulju u dik tar-raħal sabiħ tagħna fil-21 ta' Lulju. Nkunu grati lejn dak kollu li għamlet u għadha tagħmel għalina Marija Santissima fjur u ġmiel tal-Karmelu. Nħallu lill-Madonna tal-Karmnu tkun l-Oasi Qaddisa tagħna li fil-kenn tagħha nistkennu u naqtgħu l-għatx tagħna għal binha Ġesù.

**Ċettina Żahra.**

## Messaġġ mis-Segretarja

Għeżież Terzjarji u Devoti tal-Madonna tal-Karmnu,

F'dan iż-żmien qegħdin niċċelebraw fil-parroċċa, l-Erbgħat tal-Madonna li għalihom ħafna Terzjarji u devoti tal-Madonna jattendu bi ħġarhom. Nieħdu gost nisimgħu lil Patri Victor Paul Farrugia O.Carm, ikellimna u jgħallimna fuq Ommna Marija. Il-Vestizzjoni u l-Professjoni ser isiru fit-2 ta' Lulju, għalhekk jekk tkunu tafu b'xi persuni li jixtiequ jissieħbu fit-Terz'Ordni, jagħtuni isimhom mill-aktar fis. Għad baqa xi wħud li għamlu l-vestizzjoni iżda għadhom ma għamlux il-Professjoni. Dawn għandhom jagħmlu ħilithom biex jipprofessaw. Nispera li ħafna Terzjarji jattendu l-attivitajiet li huma ppreparati għax-xhur ta' Ġunju u Lulju. Saħħa.

Il-Madonna tberikna.

**Carmen Farrugia**

## Programm għax-xhur Mejju – Awwissu 2013

**Laqgħa Marjana**

**Nhar it-Tlieta 11 ta' Ġunju,** ser issir laqgħa Marjana fil-Knisja ta' Santa Marija Bubaqra. Niltaqgħu fis-6:30pm ħdejn l-istatwa ta' Santa Marija. Ikun hemm pellgrinaġġ fejn jingħad ir-Rużarju u wara ssir quddiesa. Imexxi P. Alex Scerri O.Carm, id-Direttur Nazzjonali tat-Terzjarji Karmelitani.

**Laqgħa Marjana**

**Nhar it-Tlieta 25 ta' Ġunju,** ser issir laqgħa Marjana fil-Knisja ta' Santa Tereża, Bormla. Il-private titlaq minn pjazza Mattia Preti fis-6:00pm. Jingħad ir-Rużarju u wara ssir quddiesa.

**Vestizzjoni u Professjoni - Nhar it-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**

Vestizzjoni u professjoni fil-Knisja Arċipretali taż-Żurrieq. Il-quddiesa tibda fis-6:30pm mid-Direttur Spiritwali Patri Hermann Duncan O.Carm. It-Terzjarji kollha huma mitluba jieħdu sehem fil-quddiesa.

**Adorazzjoni fil-Kappella ta' San Ġakbu - Nhar il-Ġimgħa 5 ta' Lulju 2013**

Adorazzjoni fil-Kappella ta' San Ġakbu fis-7:30pm għat-Terzjarji u d-devoti kollha tal-Madonna tal-Karmnu.

**Festa Liturġika tal-Madonna tal-Karmnu - Nhar it-Tlieta 16 ta' Lulju 2013**

It-Terzjarji u devoti tal-Madonna tal-Karmnu għandhom jieħdu sehem fil-Quddiesa tat-8:00am biex flimkien inqaddsu dan il-jum sabiħ u qaddis.





## Ifraħ O Verġni Marija

**Ifraħ O Verġni Marija għax Inti sibt grazzja quddiem Alla. Inti li emmint għall-kelmiet tal-Arkanġlu Gabriel, filwaqt li bqajt xebba, nissilt Alla u Bniedem u wara li tajtu lid-dinja, bqajt xebba bla mittiefsa. Omma Alla idhol għalina.**



*P. Hermann Duncan O.Carm, l-Assistant Spiritwali tal-fergħa tagħna, flimkien ma' sħabu ser jiċċelebraw quddiesa ta' radd il-ħajr, nhar il-Ħamis 4 ta' Lulju, fl-okkażjoni tal-25 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tagħhom. Din ser issir fil-Kon Katidral ta' San Ġwann fis-6:30pm. Imexxi l-Arċisqof Pawlu Cremona O.P.*

*Inħeġġiġkom sabiex tattendu.*